**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DAVID SCICLUNA LL.D., MAG.JUR. (EUR.LAW)**

**Seduta ta' nhar-il Erbgħa 13 ta' Jannar 2016**

**App. Nru. 431/13 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Micallef**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra l-imsemmi Josef Micallef, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 5588(G), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

(1) fis-27 ta' Lulju 2012 għall-ħabta tat-15:00hrs waqt li kien qiegħed ġo għalqa, Xrobb l-Għaġin, Marsaxlokk, kien qiegħed jonsob għall-għasafar matul l-istaġun magħluq għall-insib ta' l-għasafar, u dan bi skur tar-Reg 18(1)(c), L.S. 504.71.

(2) fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qiegħed jonsob mingħajr ma kellu liċenjza maħruġa f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija, u dan bi ksur tar-Reg.12(1) tal-A.L. 79/2006, hekk if emendat, L.S. 504.71;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-2 ta' Ottubru 2013 fejn dik il-Qorti, wara li rat ir-Reg. 18(1)(c) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 504.71 kif ukoll Reg. 12(1) tal-A.L. 79/2006, hekk kif emendat, L.S. 504.71, ma sabitx lill-imsemmi Josef Micallef ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u lliberatu minnhom;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fil-21 ta' Ottubru 2013 fejn talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minflok tiddikjara lill-imputat appellat Josef Micallef ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u konsegwentement tinfliġġi l-piena idoneja skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali huwa li l-ewwel Qorti ma għamlitx apprezzament xieraq tal-provi prodotti. Huwa jgħid:

> "Illi l-esponent mhuwiex solitu jaghmel appelli bbazati purament fuq apprezzament ta' fatti. Il-principju regolatur kien u ghadu li din l-Onorabbli Qorti ma tiddisturbax decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti jekk l-ewwel Qorti setghet ragonveolment u legalment tasal ghal dik id-decizjoni. Pero` f'dan il-kaz, bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Qorti, l-esponent jemmen li dik il-Qorti qatt ma setghet ragonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.
>
> "Illi jidher li l-ewwel Qorti ddecidiet bil-mod kif iddecidiet minhabba z-zewg ragunijiet li gejjin:
>
> "1. Fl-ewwel lok, l-ewwel Onorabbli Qorti jidher li ma emmnitx lill-unika xhud okulari li tellghet il-prosekuzzjoni. Din kienet Fiona Burrows, l-istess persuna li ghamlet ir-rapport mal-Pulizija dwar l-akkadut. Din telghet tixhed u anki ddikjarat seduta stante li kienet qieghda taghraf l-imputat appellat bhala wiehed mit-tlett irgiel li gew osservati jonsbu llegalment. Hija xehdet bil-gurament taghha li hija kienet tinsab f'distanza ta' bejn mitejn u hamsin metru (250m) u tliet mitt metru (300m) 'il boghod mill-imputat u shabu izda xorta wahda setghet taghrafhom bic-car u dan minhabba li bhala osservaturi tal-Bird Life Malta hi u shaba kienu mghammra b'*telescope* b'lenti qawwija u li permezz tieghu setghu jaraw car kristall min kienu t-tlett irgiel li kienu qeghdin jonsbu u x'kienu qeghdin jaghmlu. Jidher pero` li l-Ewwel Qorti esprimiet l-opinjoni li ma setghetx temmen li dan it-*telescope* kien tali li persuna setghet facilment taghraf persuni ohra minn dik id-distanza;
>
> "2. Fit-tieni lok, l-istess xhud u cioe` Fiona Burrows, ipprezentat u esebiet fl-atti processwali *video footage* tal-incident kollu mertu tal-proceduri odjerni. Jirrizulta fil-fatt li l-osservaturi tal-Bird Life Malta irrekordjaw lill-imputat appellat u liz-

zewgt irgiel l-ohra fl-attivitajiet illegali taghhom. Iz-zewg xhieda l-ohra tal-Prosekuzzjoni kienu certi Nimrod Mifsud u Amy Hardingham li pero` ma telghux jiddeponu. Gara li ghal xi raguni kemm il-Prosekuzzjoni, kemm id-difiza u kif ukoll l-Ewwel Onorabbli Qorti kienu taht l-impressjoni li l-filmati li esibiet Fiona Burrows ma kinux ittiehdu minnha personalment izda mix-xhud l-iehor Nimrod Mifsud li pero` ma kienx prezenti biex jiddeponi. Gara ghalhekk li dawn il-filmati ma ttihdux in konsiderazzjoni mill-ewwel Onorabbli Qorti.

"Illi l-esponent jirrileva li huwa ben maghruf li xhud wiehed jekk emmnut huwa bizzejjed. F'dan ir-rispett, ghalhekk, il-fatt li x-xhieda l-ohrajn ma telghux jiddeponu ma kellu jkollu l-ebda effett fuq il-proceduri odjerni u b'li kellha quddiemha l-ewwel Onorabbli Qorti setghet facilment tahdem. Huwa possibli li Fiona Burrows ma spjegatx ruhha sew fuq il-pedana tax-xhieda jew ma kinitx cara fix-xhieda taghha, senjatament meta giet biex tipprezenta l-filmati li jinsabu esebiti fl-atti processwali, b'dana li l-ewwel Qorti hasbet jew fehmet li dawk il-filmati kienu ttiehdu minn Nimrod Mifsud. Fil-fatt huwa palezi li l-ewwel Qorti skartat kompletament din il-prova migjuba legalment quddiemha u konsegwentement illiberat lill-imputat appellat mill-akkuzi kollha dedotti kontrih ghax li kieku ma kienx hekk, kellha necessarjament tinstab htija fl-imputat appellat bi prova bhal dik;

"Illi jrid jinghad ukoll li Fiona Burrows segwiet il-kaz mill-bidu sal-ahhar nett u hadet rwol attiv u determinanti fl-istess. Hija gharfet lill-imputat appellat fl-awla u xehdet bil-gurament taghha li ratu jonsob nonostante li kien hemm dik id-distanza, li biex nghidu kollox lanqas hija xi distanza notevoli - kwart ta' kilometru biss minn fejn kienet tinsab hi. Ghalhekk ma jidhirx irragonevoli li persuna minn dik id-distanza taghraf persuni ohra, iktar u iktar meta kien qieghed jigi uzat sahansitra *telescope*. Ghalhekk, anki in vista ta' dan il-fatt, l-esponent ma jistax jifhem kif l-ewwel Qorti apparentement skartat din ix-xhieda *in toto*;

"Illi l-filmati li gew ipprezentati bhala *video footage* ma jaghtu l-ebda lok ta' dubju dwar min kienu n-nassaba nvoluti u fihom l-istess persuni jidhru bic-car qeghdin jaghmlu dak li allegat Fiona Burrows. Ladarba jigi stabbilit definittivament min effettivament gibed il-filmati in kwistjoni, l-esponent huwa tal-umli fehma li din l-Onroabbli Qorti ma ghandha jkollha l-ebda dubju iehor dwar il-htija tal-imputat appellat."

**6.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi. F'dan ir-rigward il-ġurisprudenza in materja ta' din il-Qorti hi ċara u kostanti fis-sens li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet l-ewwel Qorti jekk mhux għal raġunijiet gravi, b'mod li din il-Qorti tirrevedi l-apprezzament ta' dik il-Qorti fl-eventwalita` biss li l-ewwel Qorti ma setgħetx raġjonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti. Din il-Qorti għalhekk eżaminat il-provi kollha miġjuba quddiem l-ewwel Qorti u rat ukoll id-dvd kontenenti numru ta' videos u ritratti.

**7.** Ix-xhud prinċipali tal-prosekuzzjoni kienet ċerta Fiona Burrows. Hi xehdet li fis-27 ta' Lulju 2012 kienet qed taħdem mal-BirdLife u għall-ħabta tat-3.10 p.m., hi u żewġ voluntiera nnutaw li kien hemm *"an active trapping site"* ħdejn Marsaxlokk viċin il-fabbrika tan-nar taż-Zejtun. Qalet li kien hemm *bird-callers* elettroniċi li setgħu jisimgħu. Minn teleskopju setgħu jaraw li kien hemm xbieki ma' l-art. Skond ix-xhud, in-nies li kien hemm fuq is-sit rawhom u bdew jippakkjaw kollox, ineħħu l-ixbieki, jgħattu l-gaġeġ bl-għasafar, idaħħlu għasafar ġewwa. Hija ċemplet il-Pulizija li, pero`, waslu wara li kienu tneħħew l-ixbieki. Mistoqsija jekk rathomx jaqbdu għasafar, ix-xhud wieġbet li le iżda osservaw speċje waħda protetta tiddaħħal fid-dura. Qalet ukoll: *"I saw the man actually setting the nets."*

**8.** Din il-Qorti eżaminat id-dvd esebit u li jikkontjeni numru ta' *videos* u ritratti ta' dak allegatament osservat mill-membri tal-BirdLife. Mill-*video footage* ma jidher ħadd *"setting the nets"*. Quddiem l-ewwel Qorti ġie ppreżentat rapport tal-BirdLife Malta. Minn dan ir-rapport u kif anke kkonfermat Fiona Burrows stess, huma waslu fuq il-post għall-ħabta tat-3.10 p.m. Skond l-imsemmi rapport, żewġ minuti wara, wieħed mit-tlett irġiel li kienu fuq is-sit beda jdaħħal affarijiet fid-dura. Fil-fatt mill-*video footage* jidhru dawn l-irġiel idaħħlu xi affarijiet mhux identifikabbli kif ukoll xi xbieki. Jekk dawn bdew idaħħlu l-affarijiet għax raw lill-membri tal-BirdLife jew għal xi raġuni oħra ma jistax jiġi determinat. Ħin minnhom xi ħadd jinstema' jesklama (leħen ta' raġel) li wieħed mill-irġiel kien qiegħed idaħħal *wader* u li dan kien mejjet. Fir-rapport ġie ndikat li dan kien Nimrod Mifsud (mhux Fiona Burrows), u li dan seta' jixhed fil-Qorti, iżda dan ix-xhud ma ġiex prodott mill-prosekuzzjoni. Din il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi min jonsob, jaqbad l-għasafar ħajjin. Ta'min jgħid ukoll illi, għalkemm ix-xhud qalet li setgħu jinstemgħu *electronic bird callers*, minn dan ma jissemma xejn fir-rapport, u fil-filmati ma jinstema' xejn.

**9.** Din il-Qorti m'għandhiex għalfejn ma temminx lil Fiona Burrows li l-appellat kien wieħed mit-tlett irġiel li kienu fuq is-sit nhar-is 27 ta' Lulju 2012. Iżda m'hemm l-ebda prova li kien qiegħed isir *active trapping*.

**10.** Wara li l-Pulizija ġew infurmati, P.S. 386 Joseph Cauchi mar fuq il-post u kellem lit-tlett irġiel, inkluż l-appellat, li ċaħdu li kienu qegħdin jonsbu, u li Matthew Degabriele qal li kull ma kien għamel kien li kien qiegħed isewwi n-nassi mit-toqob. Il-Pulizija fil-fatt ma elevaw xejn.

**11.** Ir-rwol tal-prosekuzzjoni hu li tipprova l-każ tagħha mingħajr dubju raġjonevoli. Ma jistax jingħad illi f'dan il-każ ma jeżistix dan id-dubju. Konsegwentement l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ma jimmeritax akkoljiment.

**12.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.